2023/2666

29.11.2023

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2023/2666

tat-22 ta' Novembru 2023

li jdaħħal isem fir-reġistru tad-Denominazzjonijiet ta' Oriġini Protetti u tal-Indikazzjonijiet Ġeografiċi Protetti ("Irish Grass Fed Beef" (IĠP))

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 52(3)(a) tiegħu,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 50(2)(a) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, l-applikazzjoni tal-Irlanda biex l-isem "Irish Grass Fed Beef" jiġi rreġistrat bħala Indikazzjoni Ġeografika Protetta ġiet ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([2]).

(2) Fil-21 ta' Frar 2022, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' oppożizzjoni inkluża d-dikjarazzjoni motivata ta' oppożizzjoni relatata mir-Renju Unit (l-Irlanda ta' Fuq).

(3) Ir-Renju Unit (l-Irlanda ta' Fuq) iddikjara li l-prodott b'isem ta' "Irish Grass Fed Beef" ġie prodott kemm fl-Irlanda kif ukoll fl-Irlanda ta' Fuq, filwaqt li fil-passat it-terminu "Irish" intuża biex jirreferi għal prodotti manifatturati fiż-żewġ ġurisdizzjonijiet. Għalhekk, ir-reġistrazzjoni tal-isem "Irish Grass Fed Beef" bl-oriġini ġeografika limitata għall-Irlanda biss ma tkunx korretta peress li la tirrifletti u lanqas tirrispetta l-użu eżistenti ta' dak l-isem u tikkawża effett detrimentali fuq il-prodotti li bħalissa huma prodotti fl-Irlanda ta' Fuq.

(4) L-oppożizzjoni tqieset li kienet ammissibbli. Fit-13 ta' April 2022, il-Kummissjoni stiednet lill-partijiet interessati biex jinvolvu ruħhom f'konsultazzjonijiet xierqa biex jintlaħaq qbil.

(5) Wara l-konsultazzjonijiet, intlaħaq ftehim bejn l-Irlanda u r-Renju Unit (l-Irlanda ta' Fuq). L-Irlanda kkomunikat dan lill-Kummissjoni permezz ta' ittri fil-11 ta' Lulju u fit-3 ta' Awwissu 2022. Ġew miftiehma diversi emendi għall-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott. Iż-żona tal-produzzjoni ġiet estiża biex tinkludi l-Irlanda ta' Fuq u l-applikazzjoni saret applikazzjoni multinazzjonali (mill-Irlanda u mir-Renju Unit (l-Irlanda ta' Fuq)).

(6) Peress li d-Dokument Uniku kien ġie emendat b'mod sostanzjali, b'konformità mal-Artikolu 51(4) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, il-Kummissjoni rrepetiet l-iskrutinju tal-applikazzjoni u kkonkludiet li l-kundizzjonijiet għar-reġistrazzjoni huma ssodisfati.

(7) L-estensjoni taż-żona ġeografika għall-Irlanda ta' Fuq hija ġġustifikata peress li grass fed beef prodott fl-Irlanda ta' Fuq — barra miż-żona ġeografika koperta mill-applikazzjoni oriġinali — għandha kwalitajiet, reputazzjoni u karatteristiċi simili bħall-grass fed beef mill-Irlanda. Fid-dawl ta' dak li ntqal hawn fuq, il-Kummissjoni kkunsidrat li l-kundizzjonijiet stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 1151/2012 huma ssodisfati.

(8) Fit-8 ta' Marzu 2022, il-Kummissjoni rċeviet it-tieni avviż ta' oppożizzjoni minn organizzazzjoni agrikola fl-Irlanda. F'konformità mat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 51(1) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, il-persuni fiżiċi jew ġuridiċi li jkollhom interess leġittimu, li jkunu residenti jew stabbiliti fl-Istat Membru li minnu tkun ġiet ippreżentata l-applikazzjoni huma eskluży mill-proċedura ta' oppożizzjoni fil-livell tal-UE għax diġà kellhom l-opportunità li jipparteċipaw fil-proċedura ta' oppożizzjoni nazzjonali f'konformità mal-Artikolu 49(3) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012. Għaldaqstant, l-oppożizzjoni mill-organizzazzjoni stabbilita fl-Irlanda titqies inammissibbli.

([1]) ĠU L 343, 14.12.2012, p. 1.
([2]) ĠU C 492, 8.12.2021, p. 16.

(9) Skont l-Artikolu 50(2)(a) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, l-applikazzjoni biex jiġi rreġistrat l-isem "Irish Grass Fed Beef", sottomessa mill-Irlanda u r-Renju Unit Protetta ġiet ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([3]).

(10) Il-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda dikjarazzjoni ta' oppożizzjoni f'konformità mal-Artikolu 51 tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, u għalhekk jenħtieġ li l-isem "Irish Grass Fed Beef" (IĠP) jiġi rreġistrat,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-isem "Irish Grass Fed Beef" (IĠP) huwa rreġistrat.

L-isem imsemmi fl-ewwel paragrafu jidentifika prodott tal-Klassi 1.1 — Laħam frisk (u ġewwieni) kif speċifikat fl-Anness XI tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 668/2014 ([4]).

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-22 ta' Novembru 2023.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

([3]) ĠU C 275, 4.8.2023, p. 26.
([4]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 668/2014 tat-13 ta' Ġunju 2014 li jistabbilixxi regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel (ĠU L 179, 19.6.2014, p. 36).